MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Rikors Numru. 30/2009

**George Spiteri; u b'digriet tas-27 ta' Jannar 2011 l-atti ġew trasfużi f'isem Maria Carmela *sive* Marlene Spiteri, Leonor mart Victor Bartolo, David Spiteri, Robert Spiteri u Maria Spiteri *stante* l-mewt ta' George Spiteri.**

**-vs-**

**Policy Manager tal-Malta Shipyards fi ħdan il-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, fil-kwalita' rappreżentattiva tiegħu;**

**Tabib Prinċipali tal-Gvern (Direttur Ġenerali – Regulazzjoni dwar is-Saħħa Pubblika), fil-kwalita' rappreżentattiva tiegħu;**

**Kap Eżekuttiv tal-Awtorita' dwar is-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-post tax-xogħol, fil-kwalita' rappreżentattiva tiegħu;**

**Avukat Ġenerali;**

**u b'digriet tal-14 t'April 2011 ġie kjamat fil-kawża il-Kummissarju tal-Pulizija.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat preżentat fid-19 ta' Mejju 2009 li permezz tiegħu r-rikorrent ippremetta:

Illi r-rikorrent kien impjegat mal-Malta Drydocks Corporation, stabbilita fis-sena 1968 in forza tal-Kapitolu mitejn u sebgħa (207) tal-Liġijiet ta' Malta (Malta Drydocks Corporation Act), illum ristrutturata taħt l-awspiċi tal-Kapitolu erba' mija u sitta u sittin (466) tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att Dwar ir-Ristrutturar tat-Tarznari) – *vide* kopji ta' Ċertifikati tal-Impieg, anness u mmarkat bħala Dok. CI;

Illi l-Gvern ta' Malta bejn is-snin 1968-2003, dejjem kellu direzzjoni u kontroll tal-attivitajiet kollha tal-Malta Drydocks Corporation, u wara s-sena 2003 sal-ġurnata odjerna l-istess Gvern kellu u għandu d-direzzjoni tal-istess Korporazzjoni kif ristrutturata bħala kumpanija privata;

Illi frekwentament u regolarment matul l-impieg tiegħu, ir-rikorrent ġie espost għat-tlett forom ta' asbestos, aktar speċifikament il-*crocidolite* (asbestos blu), *amosite* (asbestos kannella) u *chrysotile* (asbestos abjad), fid-diversi forom u użi tiegħu;

Illi kien magħruf għal għexierem ta' snin illi l-espożizzjoni għall-asbestos mingħajr protezzjoni adegwata hu ta' dannu serju għal saħħet il-bniedem, tant illi tali espożizzjoni twassal għal mard serju divers, u tista' tikkaġuna l-mewt;

Illi f'Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009) ir-rikorrent ġie mgħarraf li kien *diagnosed* b'marda serja ferm bl-isem *malignant epitheleoid mesothelioma*, u li hi unikament

attribwibbli għall-kuntatt mal-asbestos fuq il-post tax-xogħol fit-tarzna;

Illi llum ir-rikorrent huwa f'perikolu ta' mewt minħabba l-marda unikament attribwibbli għall-espożizzjoni għall-asbestos fuq il-post tax-xogħol fit-tarzna bħala *boiler-maker* u qiegħed jieħu trattament ta' *chemotherapy*;

Illi r-rikorrent ma ġiex infurmat, la mill-awtoritajiet tas-saħħa, la mill-Ministeru li taħtu kienet taqa' d-direzzjoni u l-kontroll tat-tarznari, u lanqas mid-Dipartiment tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali dwar l-effetti noċivi riżultanti mill-espożizzjoni għall-asbestos u għalhekk dawn huma lkoll responsabbli għall-marda li kkuntratta r-rikorrent;

Illi l-awtoritajiet tas-saħħa, il-Ministeru li taħtu kienet taqa' d-direzzjoni u l-kontroll tat-tarznari, u d-Dipartiment tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali naqsu li jipprovdu lir-rikorrent b'miżuri ta' protezzjoni adegwati sabiex jilqgħu għall-ħsara kkaġunata mill-asbestos u għalhekk huma responsabbli għall-marda li kkuntratta r-rikorrent;

Illi l-istess espożizzjoni għall-asbestos affettwat negattivament il-kwalita' ta' ħajja tar-rikorrenti kif ukoll tal-familjari tiegħu peress li rriżultaw l-imsemmija sintomi, mard u kumplessitajiet mediċi kaġun tal-espożizzjoni għall-asbestos u huma l-intimati li huma responsabbli ta' dan;

Illi l-istess familjari tar-rikorrent ġew esposti għall-asbestos tramite oġġetti bħal *boiler suits* li kienu jintużaw mir-rikorrent fuq il-post tax-xogħol u jittieħdu d-dar. L-istess familjari ġew esposti għall-asbestos ukoll tramite l-persuna stess tar-rikorrent.

Għaldaqstant għall-fatti u għar-raġuni fuq premess, u għal dawk kollha li jistgħu jirriżultaw matul il-proċedura odjerna, ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li fil-konfront individwali tar-rikorrent inkiser:

1. Id-dritt għall-protezzjoni tal-ħajja, u li l-ħajja tal-individwu ma titqiegħedx f'periklu bla bżonn, *ai termini* tal-

Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, u tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem applikabbli fil-liġi nostrana tramite Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta.

2. Id-dritt li wieħed ma jkunx is-soġġettat għal trattament inuman u degradanti, *ai termini* ta’ Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, applikabbli fil-liġi nostrana tramite Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta.

3. Id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tal-individwu u li dan id-dritt ma jiġix mittiefes, *ai termini* tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, applikabbli fil-liġi nostrana tramite Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta, f’dak li għandu x’jaqsam mal-kwalita’ tal-ħajja tar-rikorrent.

4. Id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tal-individwu, u li dan id-dritt ma jiġix mittiefes, *ai termini* tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, applikabbli fil-liġi nostrana tramite Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta, f’dak li għandu x’jaqsam mad-dritt li r-rikorrent ikun infurmat dwar perikli marbutin mal-asbestos li kienu *common knowledge*; u

5. Tikkwantifika kumpens xieraq bħala rimedju, tillikwida d-danni, u tordna li dan jitħallas lir-rikorrent.

Rat ir-risposta tal-intimati, preżentata fis-26 ta’ Mejju 2009, li biha eċċepew:

Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrent qiegħed jallega li l-espożizzjoni matul l-impjieg tiegħu għall-*asbestos* allegatament jivvjola d-drittijiet fundamentali tiegħu senjatament l-Artikoli 33 u 36 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;

Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti bħala kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:

Illi *in linea* preliminari, ħadd mill-esponenti ma hu l-leġittimu kontradittur *ai termini* tal-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta). *Di piu* ma teżisti ebda ralazzjoni ġuridika bejn ir-rikorrenti u l-intimati.

Illi in kwantu t-talbiet huma diretti kontra l-Malta Drydocks ħadd mill-esponenti mhu l-persuna li għandha r-rappreżentanza ta' dik l-istituzzjoni skont l-Att dwar ir-Ristrutturar tat-Tarznari.

Illi *in linea* preliminari wkoll, ir-rkorrenti qiegħed jabbuża mill-proċess kostituzzjonali *stante* illi l-istess rikorrenti qiegħed jadopera proċedura straordinarja bħalma hija l-proċedura odjerna meta kellu a dispożizzjoni tiegħu rimedji ordinarji sabiex iħares id-drittijiet pretiżi minnu tramite d-dritt amministrattiv u ċivili ordinarju. F'dan ir-rigward l-esponenti jirreferu għall-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-*proviso* għall-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ebda ksur tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta:

Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti dwar periklu għall-ħajtu allegatament naxxenti minn espożizzjoni għall-materjal noċiv hija għal kollox infondata kemm fil-fatt u kemm fid-dritt.

L-esponenti jissottomettu illi l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni jipprovdi għall-protezzjoni mill-privazzjoni tal-ħajja meta tali privazzjoni ssir 'intenzjonalment'. Illi ċertament illi mir-rikors promotur ma jirriżultax dan.

Illi in vista tas-suespost ma hemm l-ebda ksur ta' dawn l-Artikoli.

Ebda ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta:

Illi r-rikorrenti qiegħed jallega illi l-fatt illi huwa kien impjegat f'ambjent fejn kien espost għal ċertu sustanzi jilledi d-drittijiet fundamentali tiegħu. L-esponenti jissottomettu illi l-fatt illi r-rikorrenti kien jaħdem f'dawn il-

kundizzjonijiet ma jfissirx illi hu kien ġie assoġġettat għal trattament degretanti.

L-esponenti jirreferu għall-kawża fl-ismijiet **"Abdulaziz, Cabales and Balkandali vs UK (1985)"** fejn il-Qorti Ewropea rriteniet illi jrid ikun hemm intenzjoni ta' umiljazzjoni sabiex jiġi sodisfatt ir-rekwiżit ta' trattament degretanti. Il-Qorti Ewropea osservat fid-deċiżjoni 'Tyrer' deċiża fil-25 ta' April 1978 irriteniet illi *"the suffering occasioned must attain a particular level before a punishment can be classified as in human within the meaning of article 3"*.

In vista tas-suespost ma hemm l-ebda ksur ta' dawn l-Artikoli.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat l-atti proċesswali kompriż l-affidavit tar-rikorrenti;

Rat in-noti tas-sottomissjonijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Novembru 2013 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-ewwel tlett eċċezzjonijiet;

Ikkunsidrat:

Illi eċċezzjoni komuni għall-intimati kollha hija dik li l-Qorti għandha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha *ai termini* tal-Artikolu 4(2) tal-Att XIV tal-1987 u l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, *stante* li r-rikorrenti qed jadopera proċedura stroardinarja bħal dik odjerna meta kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedji ordinarji biex iħares id-drittijiet pretiżi minnu. Ikun allura prattiku li l-Qorti teżamina l-ewwel din l-eċċezzjoni.

Illi din l-eċċezzjoni qed issir peress li r-rikorrent, qiegħed jallega li ġew lesi d-drittijiet kostituzzjonali tiegħu *ai termini* tal-artikoli 33 u 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta billi ħajtu tqegħdet fil-periku bla bżonn u li ġie soġġett għal trattament inuman. Peress li huwa stitwixxa dawn il-proċeduri mingħajr ma qatt istitwixxa kawża għad-danni, l-intimati qed jeċċepixxu illi l-Qorti għandha tiddeklina milli tkompli tisma' r-rikors *ai termini* tal-proviso wara l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u dak 4(2) tal-Kapitolu 319.

Illi l-proviso ndikat mill-intimati jgħid eżattament hekk:

*"Iżda l-Qorti tista' jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-sub-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għal ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra"* **(Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 jgħidu l-istess ħaġa).**

Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet **"Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine"** (deċiża fis-7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra illi:

*"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim' Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali;*

*a. Meta hu ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*

*b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' llegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.*

*c. Kull każ għandu l-fattispecje partikolari tiegħu;*

*d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi il-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ.*

*f. Meta l-ewwel Qorti teserċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni.*

Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet **"Philip Spiteri vs Sammy Meilaq"** (deċiża fit-8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li: *"meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f'xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni."* F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma *komplessa* jiżdied il-kliem *"jew inkella imħallta".*

Illi issa fil-każ in eżami r-rikorrent indubbjament kellu r-rimedju legali oħra disponibbli għalih u huwa għażel li ma jagħmilx dan. Infatti fl-istess rikors promotorju huwa qed jallega li marad serjament minħabba l-kondizzjonijiet li fihom kien qed jaħdem u allura normalment l-ewwel azzjoni li wieħed jieħu fiċ-ċirkostanzi hija appuntu dik għal likwidazzjoni u ħlas tad-danni *ai termini* tad-dispożizzjonijiet relattivi tal-Kodiċi Ċivili.

Illi l-Qorti jidhrilha allura li l-eċċezzjoni fil-każ in kwistjoni hija fondata u għandha tiġi akkolta. Fil-kawża fl-ismijiet

**“Maria *sive* Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et”** (deċiża mill-Prim’ Awla Kostituzzjonali, fit-30 ta’ Settembru 2010 – konfermata mill-Qorti tal-Appell fil-11 t’April 2011) li kienet kawża identika għal dik odjerna, ġie dikjarat illi:

*“L-eżistenza ta’ rimedju ieħor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx għalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirriżulta li r-rimedju sejjer jagħti lir-rikorrenti suċċess garanti. Huwa biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista’ jiġi segwit b’mod prattiku, effettiv u effikaċi.*

*Meta jidher li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu r-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali.”*

Illi f’dan is-sens wieħed jista’ jsib ukoll l-insenjament fir-rigward fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **“Joseph Fenech vs Awtorita tal-Ippjanar et”** deċiża fid-9 ta’ Novembru 2012, “**John Mary Abela vs Policy Manager tal-Malta Shipyards”**, **“Joseph Attard vs Policy Manager Malta Shipyards”**, **“Joseph Brincat vs Policy Manager Malta Shipyards”** u **“Carmel Cachia vs Policy Manager Malta Shipyards”**, kollha deċiżi mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta’ April 2011.

Illi wieħed għandu jqis li kemm l-artikolu nvokat mill-intimati u kemm il-Kostituzzjoni ta’ Malta jsemmi mezzi li *“kienu disponibbli”* u allura anke jekk kien hemm mezzi li *kienu* disponibbli għar-rikorrent iżda li minħabba t-trapass taż-żmien ma jkunux għadhom (disponibbli) il-Qorti tista’ jekk hekk jidhrilha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha. F’dan il-każ ċertament: *“il-Qorti tħoss li jkun abbuż mill-proċeduri kostituzzjonali jekk l-ilmenti tar-rikorrent jiġu nvestigati meta lanqas biss ipprova juża l-mezzi disponibbli għalih”* **(**“**John Grech vs Prim**

**Ministru" –** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' April 2013**).**

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-imsemmija eċċezzjoni tal-intimati u tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha *ai termini* tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 u Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

**L-ispejjeż kollha jkunu a kariku tar-rikorrent.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------